**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**INFERJURI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Avviż Numru: 15/2018 BS**

**Jose Emanuel Corte Dos Ramos u Anna Waters Dos Ramos**

**-vs-**

**Lorenzo Delfino**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat l-avviż tal-atturi Jose Emanuel Corte Dos Ramos u Anna Waters Dos Ramos**[1] fejn talbu lill-konvenut Lorenzo Delfino jħallas l-ammont totali ta' sebat elef mija u ħamsin ewro (€7,150), rappreżentanti bilanċ tal-prezz li għadu dovut minnu lilhom in segwitu għall-bejgħ li sar lilu ta' diversi oġġetti mobbli intiżi għall-użu fi kċina, liema oġġetti ġew indikati f'lista annessa mal-

[1] A fol 1 sa 4.

avviż u mmarkata bħala Dokument A. Bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ittra uffiċjali numru 92/2018 datata sbatax (17) ta' Ottubru 2018 u spedita a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 92/2018 spedita a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 kif ukoll tal-mandat ta' qbid li sar kontra l-konvenut. B'riżerva wkoll għall-ispejjeż ta' mandati oħra li jistgħu jiġu intavolati.

**Rat ir-risposta tal-konvenut[2] illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-azzjoni attriċi hija [i]nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. ILLI l-ammont reklamat m'huwiex dovut. Il-prezz pattwit huwa wieħed differenti minn dak reklamat. In oltre [sic] l-esponenti kellu jidħol f'diversi spejjeż oħra ta' tiswijiet qabel ma seta['] juża l-merċi mibjugħa, liema bżonn ta' tiswijiet ma kienx konoxxenti tagħhom fil-mument tal-bejgħ;

3. ILLI subordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti sal-gurnata ta' llum [sic] ħallas l-ammont ta' € 3,300 u m'hux l-€ 2,300 [sic] kif huwa indikat fl-avviż;

4. ILLI konsegwentament it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

---

[2] A fol 8.

**Fliet l-atti**;

**Rat** li fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2019[3] l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa salv għall-kontroeżamijiet;

**Rat** in-nota b'ritratti u riċevuti ppreżentata mill-atturi fl-20 ta' April, 2021[4];

**Rat** li l-konvenut ippreżenta l-affidavit tiegħu fis-seduta tat-23 ta' Settembru, 2021 u obbliga ruħu li jkun preżenti għas-seduta li jmiss sabiex isirlu l-kontroeżami;

**Rat** in-nota tal-Avukat Dr Jean Paul Grech[5] li permezz tagħha ddikjara li huwa qed jassumi l-atti tal-kawża f'isem l-atturi u dan kif debitament awtorizzat minnhom;

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' April, 2022 il-Qorti wissiet li jekk il-konvenut jibqa' ma jidhirx sabiex isirlu l-kontroeżami hija tgħaddi sabiex tisfilza l-affidavit tiegħu;

**Rat** li l-affidavit tal-konvenut ġie sfilzat b'digriet tal-21 ta' Ġunju, 2022[6];

**Rat** li fis-seduta tat-8 ta Lulju, 2022, saret trattazzjoni u l-kawża tħalliet għas-sentenza[7];

**B. Provi – Xhieda:**

**Jose Emanuel Corte Dos Ramos,** l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[8] Jgħid li lill konvenut huwa u martu saru jafuh billi

[3] A fol 24.
[4] A fol 40.
[5] Ippreżentata *seduta stante* nhar is-26 ta' Jannar, 2022.
[6] Verbal tal-21 ta' Ġunju, 2022.
[7] Verbal tat-8 ta' Lulju, 2022.
[8] A fol 9 sa 11 bid-dokumenti annessi a fol 12 sa 20.

kienu jgħaddu minn ħdejn il-ħanut tiegħu *"Pane, Amore e Fantasie"*, fir-Rabat, Għawdex. Jgħid li ġieli kienu jidħlu għandu jieħdu kafè u anke ġieli kielu hemm. Jgħid li maż-żmien saru jafuh aktar u hu kien qalilhom li xtaq ikabbar in-negozju iżda ma kellux flus biex jaghmel dan. Jgħid li huwa u martu inzerta li kellhom oġġetti relatati mal-kċina li kienu ġabu magħhom minn Spanja. Uħud mill-oġġetti kien użati u oħrajn kien għadhom ġodda u impakkettati. Jgħid li huwa informa lill-konvenut b'dan u offrielu jmur jara dawn l-oġġetti sabiex jara jekk iridx jakkwista minnhom. Itenni li l-konvenut mar jara dawn l-oġġetti u kien anke għażel dawk li ried jixtri. Jgħid li huwa kien indika l-prezz għal kull oġġett lill-konvenut u dan min-naħa tiegħu kien qabel. Jgħid li l-prezz totali tal-oġġetti li għażel il-konvenut kien ta' disat elef erba' mija u ħamsin ewro (€9,450). Jgħid li l-qbil kien li dan l-ammont jitħallas ħames mitt ewro (€500) fil-ġimgħa, kull nhar ta' Sibt. Jgħid li dan il-qbil sar f'Lulju, 2018. Jispjega li ma sarx ftehim bil-miktub mal-konvenut għax hu u martu dehrilhom li setgħu jafdawh. Ikompli jgħid li sfortunatament il-pagamenti ma kinux puntwali u skont il-ftehim. Xahrejn wara li l-konvenut ħa l-oġġetti l-ammont imħallas kien biss ta' elfejn tliet mitt ewro (€2,300). Jgħid li l-ħlas ma kienx qed ikun ta' ħames mitt ewro (€500) kull nhar ta' Sibt u minkejja li huwa għamel diversi sforzi sabiex jitkellem mal-konvenut dan kien isib ħafna skużi. Jgħid li mbaghad fl-1 ta' Settembru, 2018 ftiehmu li l-ħlas kellu jkun ta' elf ewro (€1,000) u dan sabiex jitħallsu l-arretrati iżda l-konvenut ma ħallas xejn. Jgħid li saru ħafna sforzi sabiex il-ħlas isir u ġieli l-konvenut kien jgħidilhom biex jiltaqgħu fir-restorant tiegħu u meta jmorru jsibuh magħluq. Jgħid li eventwalment il-konvenut waqaf jirrispondi meta kienu jċemplulu. Jgħid li għalkemm il-konvenut ma kienx qed iħallas huwa qatt ma kkontesta l-ammont li kien qed jintalab bi ħlas. Mhux talli hekk iżda kull meta kienu jkellmuh hu kien iwegħedhom li ser iħallashom. Jgħid li f'Ottubru hu u martu kkonfrontaw lill-konvenut u talbuh jew iħallas il-bilanċ jew

jirritorna l-oġġetti li xtara. Jgħid li l-konvenut ried li jirritorna l-oġġetti u jiġi rifuż l-ammont kollu li kien ta lill-atturi sa dakinhar. Jgħid li billi wħud mill-oġġetti mibjugħa kienu ġodda u l-konvenut kien ilu jagħmel użu minnhom għal tliet (3) xhur huma ma aċċettawx. Jippreżenta diversi ritratti tal-oġġetti mibjugħa kif ukoll *screenshots* ta' kommunikazzjonijiet bil-mowbajl bejn il-partijiet.

**In kontroeżami**[9] jgħid li wħud mill-oġġetti mibjugħa kienu użati u oħrajn ġodda. Jgħid li l-*fridge* u l-*mixer* kienu ġodda mentri l-oħrajn kienu użati. L-oġġetti ġodda jgħid li kienu għandu fil-bidu tas-sena 2017. Dawn l-oġġetti ġodda nxtraw mill-Portugal filwaqt li l-oġġetti uzati nxtraw minn Spanja. Jispjega li huwa ġab l-oġġetti kollha Malta fl-aħħar tas-sena 2017 u bidu tas-sena 2018. Rigward ir-ritratti esibiti mal-affidavit tiegħu jgħid li dawk kienu ttieħdu fir-restorant tal-konvenut u li kien hemm l-attriċi miegħu. Jinsisti li kollox sar verbalment u li ma ħareġ l-ebda riċevuta favur il-konvenut. Rigward il-prezz jgħid li l-oġġetti l-ġodda huwa talab il-prezz oriġinali li kien ħallas hu u tant hu hekk li wera l-irċevuti lill-konvenut. Rigward l-oġġetti ġa użati jgħid li l-prezz kien miftiehem bejn il-partijiet. Jinsisti li huwa u l-konvenut kienu ddiskutew il-prezzijiet u l-konvenut kien qabel li jħallas il-prezz miftiehem. Jgħid li l-konvenut kien jaf liema mill-oġġetti kienu uzati. Ipprometti li jippreżenta ritratti u riċevuti tal-oġġetti mibjugħa lill-konvenut.[10]

**In kontinwazzjoni tal-kontroeżami**,[11] jgħid li l-oġġetti li ma kinux ġodda kienu ġew użati għall-perjodu ta' madwar sitt (6) xhur però billi ma tantx kienu ġew użati, stante li r-restorant li huwa kien prova jibda fi Spanja ma marx sew tant li telquh u ġew Malta, kienu kważi ġodda. Jgħid li fil-fattura annessa man-

---

[9] Seduta tad-9 ta' Frar, 2021.
[10] Ippreżentati b'nota ta' nhar l-20 ta' April, 2021.
[11] Seduta tal-20 ta' April, 2021.

nota ta' dokumenti tiegħu jirriżultaw biss l-oġġetti li kienu ġodda meta bigħhom lill-konvenut, għal dawk użati m'għandux fattura.[12]

**In rieżami**,[13] rigward r-raġuni għaliex hemm diskrepanza fil-prezz tal-oġġetti l-ġodda bejn il-fattura fejn huwa xtara dawn ġodda u l-lista ta' prezzijiet maqbula mal-konvenut. Jgħid li huwa ftiehem mal-konvenut li l-prezz oriġinali kien jinkludi l-VAT iżda huwa ma kienx ser jitlob il-ħlas tal-VAT. Jgħid li l-prezz mitlub kien tal-oggett mingħajr VAT u biż-żieda żgħira li tkopri l-ispejjeż tat-trasport.

**Anna Waters Dos Ramos**, l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit[14] u filwaqt li kkonfermat il-kontenut tal-affidavit ta' żewġha tgħid li meta l-konvenut irtira l-oġġetti mibjugħa lilu hija kienet preżenti, kif kienet ukoll preżenti meta l-konvenut għamel id-diversi pagamenti li ammontaw għal elfejn tliet mitt ewro (€2,300). Tinsisti iżda li għalkemm dan l-ammont ta' elfejn tliet mitt ewro (€2,300) tħallas, il-ħlasijiet varji li waslu għalih ma kinux saru kif miftiehem. Tgħid li fl-ahhar il-konvenut ma kienx baqa' jirrispondi t-telefonati li kien jagħmillu żewġha. Tkompli li darba hi u żewġha bagħtu messaġġ lill-konvenut minn fuq il-mowbajl tagħha u dan irrisponda li kien ser iħallashom tal-oġġetti kollha li kien ħa. Tgġid li iżda dan baqa' qatt ma ħallas. Rigward il-ftehim tgħid li dan kien biss bil-fomm billi huma kien fdaw lill-konvenut. Tgħid li huma kienu riedu jgħinuh lill-konvenut u kien għalhekk li kienu tawh l-għodda biex jaħdem però dan spiċċa ħa kollox u ma ħallashomx u dan bi ksur tal-ftehim li kienu laħqu bejniethom. Tinsisti li l-konvenut ħa l-għodda f'Lulju, 2018, gawdiha sa minn dakinhar, u għadu ma ħallashomx sal-lum.

---

[12] Nota a fol 40 u fattura a fol 56.
[13] Seduta ta' l-20 ta' April, 2021.
[14] A fol 21 sa 22.

**In kontroeżami**,[15] tikkonferma illi l-ammont pretiż huwa ta' disat elef erba' mija u ħamsin ewro (€9,450). Tikkonferma wkoll illi l-oġġetti ġodda kienu il-*fridge* u l-*mixer*. Rigward l-oġġetti użati tgħid li dawn kienu użawhom għal madwar sitt (6) xhur biss stante li r-restorant li kienu bdew ma rnexxiex u għalhekk kienu f'kundizzjoni tajba ħafna. Tikkonferma wkoll li l-oġġetti nġabu Malta għall-bidu tas-sena 2018. Tispjega li dawn l-oġġetti kienu ilhom li waslu xi sitt (6) xhur meta waslu fi ftehim mal-konvenut u matul dawn is-sitt (6) xhur l-oġġetti ma kinux qed jintużaw. Tispjega li il-konvenut ma kienx armat biex isajjar fir-restorant li kellu u li kien isajjar l-ikel id-dar tiegħu. Tispjega illi l-kċina huwa ramaha bl-oġġetti akkwistati mingħandhom. Tkompli tgħid illi l-konvenut kien mar mal-kok tiegħu fil-garaxx tagħhom Ta' Sannat sabiex jara l-oġġetti kollha. Tgħid li dakinhar hija kienet preżenti. Tghid li anke oġġett bħal forn tal-pizza, għalkemm kien użat, huma ġabuh Malta fil-kaxxa oriġinali tiegħu.

**In rieżami**[16] tgħid illi l-ftehim kien verbali għax kemm żewġha u kemm hi fdaw lill-konvenut.

## Ċ. Ikkunsidrat:

F'dawn il-proċeduri l-atturi qegħdin jgħidu li l-konvenut Lorenzo Delfino huwa debitur tagħhom fis-somma ta' sebat elef mija u ħamsin ewro (€7,150), liema somma hija bilanċ minn somma akbar rappreżentanti l-prezz ta' diversi oġġetti mibjugħa minnhom lill-konvenut. L-oġġetti jinsabu elenkati fid-dokument anness mal-avviż flimkien mal-prezzijiet pattwiti għall-bejgħ tagħhom. L-atturi qed jitolbu wkoll il-ħlas tal-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Ottubru, 2018 li ntbagħtet lill-konvenut a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[15] Seduta tal-20 ta April, 2021.
[16] Seduta tal-20 ta' April, 2021.

Għal din it-talba l-konvenut jilqa' billi jgħid li l-azzjoni tal-atturi hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Skont hu l-ammont mitlub mill-atturi m'huwiex veritier billi l-prezz miftiehem mhux l-ammont li qed jippretendu l-atturi bħala ħlas u billi huwa għamel ħlas parzjali akbar milli jgħidu huma. Huwa jżid jgħid li sabiex seta' jagħmel użu mill-oġġetti mibjugħa lilu huwa kellu l-ewwel isewwihom u li meta xtara l-oġġetti ma kienx jaf li kien ser ikollu jsewwihom. Jeċċepixxi, allura, li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Din hija kawza għall-ħlas ta' bilanċ minn somma akbar wara bejgħ ta' oġġetti tal-kċina ta' restorant li sar mill-atturi favur l-konvenut.

Mill-provi konsistenti prodotti mill-atturi rriżulta li dawna kienu bdew restorant fi Spanja għal liema kienu akkwistaw diversi oġġetti tal-kċina. Dan ir-restorant għalquh wara qasir żmien tant li wħud mill-oġġetti anqas biss kienu qatt intużaw u kien għadhom fl-impakkettar oriġinali tagħhom mentri oħrajn kienu ntużaw biss għal qasir żmien ta' cirka sitt (6) xhur. Wara li l-atturi għalqu dan ir-restorant tagħhom fi Spanja huma ġew Malta, speċifikatament Għawdex, fejn ġabu magħhom dawn l-oġġetti, uħud ġodda u wħud użati, li huma żammew fi *storage* tagħhom f'Ta' Sannat, Għawdex mingħajr dawn qatt ma reġgħu intużaw.

L-atturi ltaqgħu mal-konvenut f'restorant li kellu r-Rabat, Għawdex fejn kienu jmorru sikwiet għall-kafè u l-ikel peress li kienu joqogħdu kantuniera bogħod minnu u kienu jgħaddu minn quddiemu kuljum. Hawnhekk iffurmaw ħbiberija mal-konvenut u konsapevoli tad-diffikultajiet sabiex wieħed jibda xi ħaga tiegħu, bħal restorant, stante anke d-diffikultajiet li

rriskontraw huma fi Spanja, ħennew għall-konvenut u kelmuh dwar l-apparat li kellhom, għal liema ma kellhomx użu, u dwar jekk kienx interessat jakkwista minnhom.

L-atturi jispjegaw li wara dan, il-konvenut, flimkien mal-kok tiegħu, mar fil-garaxx tagħhom fejn kienu miżmuma dawn l-oġġetti u aċċetta li jixtri wħud minnhom. Hawnhekk, il-partijiet qablu fuq prezz billi ftiehmu li l-*fridge* u l-*mixer* li kien għadhom ġodda fjamanti u fl-impakkettar oriġinali tagħhom jeħodhom bil-prezz li kienu xtrawhom huma net mill-VAT u b'żieda li tkopri t-trasport, mentri fuq l-oġġetti użati qablu fuq prezz bonarjament bejniethom. Qablu wkoll li l-ħlas lill-atturi mill-konvenut ikun ta' ħames mitt ewro (€500) fil-ġimgħa jitħallas kull nhar ta' Sibt.

Skont l-atturi mhux talli l-konvenut beda mill-ewwel iħallas inqas mill-ħames mitt ewro (€500) pattwiti iżda talli eventwalment ġew f'punt fejn kellhom jiġru warajh għall-ħlas sa ma dan imbagħad beda ma jiħux t-telefonati tagħhom u ma jirrispondix għall-messaġġi li jibagħtulu fuq l-mowbajl. Jinsistu iżda li huwa qatt ma ċaħad li huwa debitur tagħhom.

Wara li xtarret il-prova mressqa quddiemha din il-Qorti hija konvinta mill-verżjoni mogħtija mill-atturi.

Mill-fattura oriġinali ta' meta xtraw il-*fridge* u *mixer* li biegħu lill-konvenut bħala ġodda jirriżulta l-prezz ta' dawn iż-żewġ oġġetti mentri m'hemm xejn li jnissel dubju f'moħħ il-Qorti li l-atturi mhux ikunu onesti rigward il-prezz pattwit għall-kumplament tal-apparat minnhom mibjugħ lill-konvenut. Dan qed jingħad wara li l-Qorti eżaminat id-diversi messaġġi skambjati bejn il-partijiet fejn il-konvenut, wara li kien ħa pussess tal-oġġetti lejn Lulju/Awwissu 2018 (kif jirriżulta mix-xhieda miġjuba quddiem il-Qorti),[17] bejn Lulju u Settembru,

[17] Ara partikolarment ix-xhieda tal-attriċi.

2018 baqa' kontinwament iwiegħed lill-atturi li ser jagħmel il-ħlas però mbagħad kien iġib xi skuża jew oħra għan-nuqqas tiegħu.[18]

Il-Qorti tosserva wkoll li tul dawn id-diskussjonijiet u mill-varji messaġġi esibiti ma jirrizultax li l-konvenut qatt ċaħad il-ħlas dovut jew qal li xi oġġetti ma kinux funzjonanti jew li kien inkorra xi spejjeż sabiex sewwihom qabel biss seta' jużahom.

Il-Qorti fliet ukoll l-varji ritratti esibiti in atti mill-atturi li juru l-oġġetti fi stadji diversi mingħand il-fornitur oriġinali tagħhom u tul il-movimenti tagħhom għar-restorant li kellhom l-atturi u eventwalment fir-restorant tal-konvenut.

Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut kemm fejn jallega li l-azzjoni hija infondata kif ukoll fejn jallega li l-ammont reklamat mhux dovut għax mhux kif pattwit jew għax minnu ħallas *in parte* aktar milli jgħidu l-atturi kien jinkombi fuq il-konvenut li jġib il-provi in sostenn tal-eċċezzjonijiet minnu sollevati. Mill-assjem tal-provi prodotti ma jirrizultaw ebda mill-allegazzjonijiet tal-konvenut. Għalhekk il-Qorti ssibha diffiċli li tasal għall-konklużjoni opposta għal dak li jippretendu l-atturi.

Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li t-talba tal-atturi għandha tiġi akkolta u dan tenut ukoll kont tal-insenjament relattiv għax-xiri ta' oġġett użati fil-kawża George Portelli vs Vittoria Grima[19] fejn ġie deċiż illi "*jekk il-bejgh kien ta' oggett mhux gdid, imma seconda man, fin-nuqqas ta' provi sufficjenti jekk l-oggett kienx tajjeb jew le fil-mument tal-konsenja, wiehed għandu jimxi fuq dak illi kien verosimilment fl-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim; u hu ghalhekk gust u logiku li jinghad li, meta l-oggett jigi kwalifikat bħala "tajjeb" dik il-kelma fl-intediment tal-kontraenti, u skond il-logika*

[18] Ara l-i*screenshots* tal-messaġġi bejn il-partijiet a fol 15 sa 20.
[19] Vol XLI pt i pġ. 341.

*guridika, kellha u għandha tiftiehem fis-sens li l-oggett kellu jkun "tajjeb" sa fejn jista' jkun tajjeb oggett sekonda man bil-prezz li jkun inxtara."*[20]

Rigward it-talba tal-attur għall-ħlas tal-imgħax legali mid-data tal-ittra uffiċjali tas-17 ta Ottubru, 2018 din il-Qorti tosserva li tali ittra ma ġietx esibita in atti u għalhekk a bażi tal-prinċipju *quod non est in acti non est in mundo*, il-Qorti hija kostretta tiċħad tali talba.

**Decide:**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn premessi u l-motivi ġa espressi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' it-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' sebat elef mija u ħamsin ewro (€7,150) għar-raġunijiet indikati fl-avviż.

Għar-raġun ġa mogħtija tiċħad it-talba għall-ħlas tal-imgħax legali.

L-ispejjeż kollha għandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

[20] Irreferi, *inter alia,* għad-deċiżjoni mogħtija nhar it-23 ta' Ottubru, 2009 fl-ismijiet David Grech vs Roger Debono, App. Ċiv. 528/2005/1 PS.

Vera Kopja

Għar-Reġistratur